

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

PROVIŻORJU
2006/0096(CNS)

20.9.2006

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-gvern tal-Kanada li jstabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni oġhla, it-taħriġ u ż-żgħażaġh 200(COM(2006)0274 – C6-0255/2006 – 6/0096(CNS))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Marie-Hélène Descamps

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-gvern tal-Kanada li jstabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni ogħla, it-taħriġ u ż-żgħażaġh (COM(2006)0274 – C6-0255/2006 – 2006/0096(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2006)0274)¹,
 - wara li kkunsidra l-artikolu 300, paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, u l-Artikoli 149 u 150 tat-trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 300, paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu tat-trattat KE, skond liema l-Kunsill kien ikkonsultat mill-Parlament (C6-0255/2006),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 u l-Artikolu 83, paragrafu 7, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6 0000/2006),
1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim;
 2. Jitlob lill-President tiegħu jgħaddi l-pużizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Gvern Kanadiż.

¹ Għadu ma ġiex ippubblikat fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

Teżisti tradizzjoni twila ta' koperazzjoni fis-settur ta' l-edukazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada.

Il-ftehimha preżenti tistabbilixxi qafas ta' koperazzjoni fl-oqsma ta' l-edukazzjoni oġhla, it-taħriġ u ż-żgħażaġh għal perjodu 2006-2013. Hija ġġedded il-ftehimha ta' koperazzjoni fl-oqsma ta' l-edukazzjoni oġhla u tat-taħriġ tas-sena 2000 inizjalment imwaqqfa skond il-ftehimha ta' l-1995 li tistabbilixxi programm ta' koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada fl-istess oqsma.

Din il-ftehimha għida bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada tintegra ruħha fil-qafas ta' l-istrateġija ta' Liżbona li tippredvi li tagħmel sa l-2010 is-sistema edukattiva ta' l-Unjoni Ewropea mudell għall-kumplament tad-dinja.

Speċifikament maħsub biex jilħaq l-oġettivi ta' koperazzjoni bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada, din il-ftehimha għida ttemm perfettament il-programmi previsti minn strumenti komunitarji oħra ddedikati għall-edukazzjoni u għat-taħriġ, u l-programmi bilaterali bejn l-Istati Membri u l-Kanada

Meta wieħed iqis l-evalwazzjonijiet li saru u l-esperjenza akkwistata, din il-ftehimha hija maħsuba sabiex iġġedded, tinforza u tkabbar il-qasam tal-ftehimha preċedenti, filwaqt li tforni qafas ta' koperazzjoni għid fil-qasam taż-żgħażaġh.

Mogħtija baġit massimu ta' 17,4 Miljun euro għal perjodu ta' tmien snin, il-ftehimha hija maħsuba minn naħa waħda sabiex tippromwovi l-komprensjoni reċiproka bejn il-popli ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Kanada, filwaqt li jiffamiljarizzaw ruħhom mal-lingwi, kulturi u l-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom u minn naħa l-oħra sabiex itejbu l-kwalità tar-riżorsi umani tagħhom.

Sabiex jintlaħqu dawn l-oġettivi, hemm previsti azzjonijiet differenti. Fost l-oħrajn hemm azzjonijiet ddedikati għall-edukazzjoni superjuri u għat-taħriġ, b'mod partikolari, proġetti ta' konsorzji għar-realizzazzjoni ta' programmi komuni ta' studji u ta' taħriġ u proġetti ta' mobbiltà ta' kwalità li jipprivileġġjaw l-eċċellenza.

F'dak li għandu x'jaqsam maż-żgħażaġh, dawn l-azzjonijiet huma maħsuba b'mod partikolari għall-istrutturi u l-organiżmi u għandhom l-għan li jiffaċilitaw id-djalogu, l-iskambju ta' Prattiki tajbin u li jistabbilixxu networks ġodda u sħubijiet multilaterali sostenibbli.